15 ta' Diċembru, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Antonio Psaila *versus* Antonio Bollandini (*)

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Kawżali — Appell.**

*Jekk ir-rikorrent jitlob li jżid kawżali oħra fir-rikors minnu oriġinarjament preżentat quddiem il-Board tal-Kera, u dak il-Board jidde-*

*ċidi r-rikors minghajr ma jipprovdi fuq dik it-talba, u għalhekk mingħajr ma jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawżali, id-deċiżjoni tal-Board hija appellabili għax il-Board ma jkunx osserva l-liġi.*

Il-Qorti, — Rat it-talba tar-rikorrent preżentata quddiem il-Board li jirregola l-Kera sabiex jerġa' jieħu taħt idejh il-fond nru. 3, St. Rocco Street, Balzan, għaliex għandu bżonnu għall-familja ta' bintu peress illi fejn toqgħod hu żgħir għaliha, u joffri bħala "alternative accomodation" il-post nru. 2, St. Rocco Street, Balzan;

Rat is-sentenza tal-Board tat-22 ta' Settembru 1947, fejn iddeċieda billi ċaħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż; wara li kkunsidra;

Illi l-familja ta' bint ir-rikorrent tikkonsisti fiha, żewġha, tarbija..............;

Rat ir-rikors ta' Antonio Psaila quddiem din il-Qorti fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat Bollardini;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità;

Illi r-rikorrent, per mezz tar-rikors tiegħu tal-15 ta' Settembru 1947 talab illi jżid mal-kawżali tar-rikors oriġinali kawżali oħra għall-kambjament ta' destinazzjoni; liema rikors ġie debitament notifikat lill-kontroparti b'ordni tal-Board. Dak ir-rikors ma ġiex provvdut, u r-rikorrent ma kellux opportunità li jġib il-provi tiegħu; u għalhekk il-Board ma ħa l-ebda konjizzjoni ta' dik il-kawżali;

Illi dan jikkostitwixxi punt ta' dritt peress illi l-Board ma osservax il-liġi;

Għalhekk tiddikjara illi dik is-sentenza hija appellabili unikament biex tiġi kunsidrata l-kawżali tal-kambjament ta' destinazzjoni. L-ispejjeż ikunu riżervati għad-deċiżjoni finali.

---

(*) Maqtugħa fil-meritu b'sentenza tal-15 ta' Marzu 1948 (Awla Ċivili).